MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Numru. 572/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**GEORGE SAID**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE SAID** bin Anthony u Carmela nee Grech, imwieled nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 1943 u residenti 14, Triq s-Sebgha ta' Gunju 1919, Victoria, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 31643M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fid-dsatax ta' Lulju 2004, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu, bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-istabbiliment 'The Rook', Triq il-Qbajjar, Marsalforn, limiti ta' Zebbug, Ghawdex:

1. Ippermetta fil-lokal tieghu d-daqq ta’ xi muzika registrata b’xi mod li jkun jew amplifikazzjoni ta’ dik il-muzika b’xi mezz elettroniku, elettriku jew iehor minghajr l-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtoritajiet Kompetenti;

2. Talli ppermetta lil Kim Said minn Victoria, sabiex jaghmilha ta’ *substitute* minghajr peress;

3. Talli ggestixxa attivita kummercjali minghajr permess tal-Awtorita Regolatorja;

4. Talli ggestixxa attivita kummercjali fl-imsemmi post meta ma kienx hallas d-dritt tal-licenzja li ghandu jithallas ta’ kull sena jew ghal xi perjodu specifikat lil Awtorita Kompetenti.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Dottor Joseph Grech, lil Martin Rapa, lil PS 1233 John Attard, lil PS 567 Teddy Bajada jixhdu fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta’ Lulju 2005.

Rat d-dokumenti kollha esibiti u cioe d-dokument MR rilaxxjat mill-Ministeru ghas-Sevizzi Ekonomici, minn fejn jirrisulta li l-fond ‘The Rook’ ghandu permess biex jopera sal-erbgha ta’ filghodu purcke ma jkun hemm *amplified music* bejn s-siegha ta’ filghodu u l-erbgha ta’ filghodu u ma jigix krejat inkonvenjent ghal girien.

Rat wkoll d-dokument JG mahrug mill-Malta Tourism Authority li jindika li l-fond ‘The Rook’ mertu ta’ din il-kawza huwa licenzjat f’isem l-imputat u li l-licenzja thallset fis-sebgha ta’ Ottubru 2004 ghas-sena kurrenti 2004.

Ikkunsidrat:

Illi **Dottor Joseph Grech xehed** nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Lulju 2005, u esibixxa d-dokument JG li huwa ricevuta tal-licenzja li hallas l-imputat lil Malta Tourism Authority fuq il-fond ‘The Rook’ nhar s-sebgha ta’ Ottubru 2004 li tkopri s-sena 2004.

Illi **PS 1233 John Attard xehed** li nhar d-dsatax ta' Lulju 2004, waqt li kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija, nhar d-dsatax ta' Lulju 2004 dahal rapport mid-Depot li fil-fond 'The Rook', kien hemm il-musika ghaddejja ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu w ghalhekk nizel fuq il-post indikat. Xehed li hemmhekk sab lil certu Kim Said. Ikkonferma li dakinhar musika kien hemm ghaddejja kemm gewwa l-fond kif wkoll fuq barra.

Illi **PS 567 Teddy Bajada xehed** w ikkonferma dak li qal PS 1233 John Attard.

Illi **Mark Rapa rapprezentant ta' Trade Department xehed** u esibixxa d-dokument MR w ikkonferma li sa mill-hamsa ta' Frar 2003, l-imputat kellu permess mill-Awtorita Koncernata sabiex jopera l-fond in kwistjoni bhala attivita kummercjali.

**Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 22(1) tal-Wines & Spirits Regulations, l-artikolu 13, 21(1) tal-Avviz Legali 102/2002, tiddikjara li mill-provi prodotti l-ewwel [1], t-tieni [2] w ir-raba [4] akkuza jirrizultaw ippruvati b'mod sodisfacenti u tikkundana lill-imputat GEORGE SAID ghal hlas ta' multa ta' sitta [60] lira maltin filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tat-tielet [3] akkuza kif dedotta kontra tieghu u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------